VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,970, 29 ta' Marzu, 2018
Taqsima B

A.L. 94 tal-2018

ATT DWAR SERVIZZI TAL-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti tal-2018 dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 tal-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru responsabbli għat-turiżmu, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2018 dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar d-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Lulju, 2018.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"arranġament tal-ivvjaġġar marbut" tfisser mill-anqas żewġ tipi differenti ta' servizzi tal-ivvjaġġar mixtrija għall-fini tal-istess vjaġġ jew btala, li ma jikkostitwixxux pakkett, u li jirriżultaw fil-konklużjoni ta' kuntratti separati mal-fornituri individwali tas-servizzi tal-ivvjaġġar, jekk il-kummerċjant jiffaċilita:

(a) fl-okkażjoni ta' żjara waħda jew f'kuntatt ta' darba mal-punt ta' bejgħ tiegħu, l-għażla separata u l-pagament separat ta' kull servizz tal-ivvjaġġar mill-vjaġġaturi; jew

(b) b'mod immirat, l-akkwist ta' mill-anqas servizz wieħed tal-ivvjaġġar addizzjonali mingħand kummerċjant ieħor meta l-kuntratt ma' tali kummerċjant ieħor jiġi konkluż mhux aktar minn 24 siegħa wara l-konferma tal-prenotazzjoni tal-ewwel servizz tal-ivvjaġġar.

Fejn ma jinxtrawx aktar minn tip wieħed ta' servizz tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ivvjaġġar kif imsemmi fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) tat-tifsira "servizz tal-ivvjaġġar" u servizz turistiku wieħed jew aktar kif imsemmi fil-paragrafu (d) tal-istess tifsira, dawn ma jikkostitwixxux arranġament tal-ivvjaġġar marbut jekk dawn is-servizzi tal-aħħar ma jammontawx għal proporzjon sinifikanti tal-valur kombinat tas-servizzi u ma jiġux reklamati, u ma jirrappreżentawx b'mod ieħor, bħala karatteristika essenzjali tal-vjaġġ jew btala;

Kap. 409. "l-Att" tfisser l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta kif stabbilita taħt l-artikolu 3 tal-Att u tinkludi kwalunkwe persuna naturali li taġixxi a nom tal-istess Awtorità taħt dawk is-setgħat hekk iddelegati mill-Awtorità taħt l-Att;

"bidu tal-pakkett" tfisser il-bidu tal-eżekuzzjoni tas-servizzi tal-ivvjaġġar inklużi fil-pakkett;

"ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji" tfisser sitwazzjoni lil hinn mill-kontroll tal-parti li tinvoka tali sitwazzjoni u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati wkoll jekk ikunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha;

"kummerċjant" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement mill-fatt li tkun waħda pubblika jew privata, li qed taġixxi, ukoll permezz ta' kwalunkwe persuna oħra li qed taġixxi f'isimha proprju jew għan-nom tagħha, għal finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha fir-rigward ta' kuntratti koperti minn dawn ir-regolamenti, kemm jekk wieħed qiegħed jaġixxi fil-kapaċità ta' organizzatur, negozjant, kummerċjant li qed jiffaċilita arranġament tal-ivvjaġġar marbut jew bħala fornitur ta' servizz tal-ivvjaġġar;

"kuntratt ta' pakkett tal-ivvjaġġar" tfisser kuntratt dwar il-pakkett kollu jew, jekk il-pakkett ikun ipprovdut skont kuntratti separati, il-kuntratti kollha li jkopru s-servizzi tal-ivvjaġġar inklużi fil-pakkett;

"mezz li jservi għal żmien twil" tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-vjaġġatur jew lill-kummerċjant li jaħżen informazzjoni personalment indirizzata lilu b' mod aċċessibli għal referenza futura għal perjodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għat-turiżmu u dan sakemm ma jkunx ddikjarat b' mod ieħor;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"minorenni" tfisser kull persuna taħt l-età ta' 18-il sena;

"negozjant" tfisser kummerċjant ieħor, li ma jkunx l-organizzatur, li jbiegħ jew joffri għall-bejgħ pakketti kkombinati minn organizzatur;

"nuqqas ta' konformità" tfisser nuqqas ta' eżekuzzjoni jew eżekuzzjoni mhux xieraq tas-servizzi tal-ivvjaġġar inklużi f'pakkett;

"organizzatur" tfisser kummerċjant li jikkombina u jbiegħ jew joffri għall-bejgħ pakketti, kemm direttament jew permezz ta' kummerċjant ieħor jew flimkien ma' kummerċjant ieħor, jew il-kummerċjant li jibgħat id-*data* tal-vjaġġatur lill-kummerċjant ieħor skont il-paragrafu (b)(v) tat-tifsira "pakkett";

"pakkett" tfisser kombinazzjoni ta' mill-anqas żewġ tipi differenti ta' servizzi tal-ivvjaġġar għall-iskop tal-istess vjaġġ jew btala, jekk:

(a) dawk is-servizzi jkunu kombinati minn kummerċjant wieħed, inklużi dawk li jsiru fuq talba ta' jew skont l-għażla tal-vjaġġatur, qabel ma jiġi konkluż kuntratt wieħed dwar is-servizzi kollha; jew

(b) irrispettivament minn jekk jiġux konklużi kuntratti separati ma' fornituri ta' servizzi tal-ivvjaġġar individwali, dawk is-servizzi jkunu:

(i) mixtrija minn punt wieħed ta' bejgħ u dawk is-servizzi jkunu ntgħażlu qabel mal-vjaġġatur jaqbel li jħallas;,

(ii) offruti, mibjugħa jew imħallsa bi prezz inklużiv jew totali;

(iii) reklamati jew mibjugħa taħt it-terminu "pakkett" jew taħt xi terminu simili;

(iv) kombinati wara l-konklużjoni ta' kuntratt li permezz ta' dan kummerċjant jippermetti lill-vjaġġatur li jagħżel minn selezzjoni ta' tipi differenti ta' servizzi tal-ivvjaġġar; jew

(v) inxtraw mingħand kummerċjanti separati permezz ta' proċessi marbuta ta' prenotazzjoni *online* fejn l-isem, id-dettalji tal-ħlas u l-indirizz elettroniku tal-vjaġġatur jintbagħtu mill-kummerċjant li miegħu jkun ġie konkluż l-ewwel kuntratt lill-kummerċjant jew kummerċjanti oħrajn u jiġi konkluż kuntratt mal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kummerċjant jew kummerċjanti tal-aħħar sa mhux aktar minn 24 siegħa wara l-konferma tal-prenotazzjoni tal-ewwel servizz tal-ivvjaġġar.

Il-kombinazzjoni ta' servizzi tal-ivvjaġġar fejn mhux aktar minn tip wieħed ta' servizz tal-ivvjaġġar kif imsemmi fil-paragrafi (a), (b), jew (ċ) tat-tifsira "servizz tal-ivjaġġar" jiġi kkombinat ma' servizz turistiku wieħed jew aktar kif imsemmi fil-paragrafi (d) tal-istess tifsira ma jkunx meqjus bħala pakkett jekk dawn l-aħħar servizzi:

(a) ma jikkostitwixxux proporzjon sinifikanti tal-valur tal-kombinazzjoni u mhumiex reklamati bħala u ma jirrappreżentawx b'mod ieħor karatteristika essenzjali tal-kombinazzjoni; jew

(b) jintgħażlu u jinxtraw biss wara li tkun bdiet l-eżekuzzjoni ta' servizz tal-ivvjaġġar kif imsemmi fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) tat-tifsira "servizz tal-ivjaġġar";

"punt ta' bejgħ" tfisser kwalunkwe post tal-bejgħ, kemm mobbli jew immobbli, jew *retail website* jew faċilità ta' bejgħ *online* simili, inkluż fejn *retail websites* jew faċilitajiet ta' bejgħ *online* huma ppreżentati lill-vjaġġaturi bħala faċilità waħda, inkluż servizz tat-telefon;

"ripatrijazzjoni" tfisser ir-ritorn tal-vjaġġatur lejn il-post tat-tluq jew lejn post ieħor li l-partijiet kontraenti jaqblu dwaru;

"servizz tal-ivvjaġġar" tfisser:

(a) il-ġarr ta' passiġġieri;

(b) akkomodazzjoni li mhijiex intrinsikament parti mill-ġarr ta' passiġġieri u mhijiex se tintuża għall-skopijiet residenzjali;

(ċ) il-kiri ta' karozzi, vetturi oħra bil-mutur fis-sens tal-Artikolu 3(11) tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew muturi li jeħtieġu liċenzja tas-sewqan tal-Kategorija A skont l-Artikolu 4(3)(ċ) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(d) kwalunkwe servizz ieħor għat-turisti li mhuwiex intrinsikament parti minn servizz tal-ivvjaġġar fi ħdan it-tifsira tal-paragrafi (a), (b) jew (ċ) hawn imsemmija;

"stabbiliment" tfisser stabbiliment hekk kif definit fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

VERŻJONI ELETTRONIKA

tat-12 ta’ Diċembru, 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru fl-Unjoni Ewropea;

"uffiċjal awtorizzat " tfisser uffiċjal li jkun maħtur u awtorizzat bil-miktub mill-Awtorità biex jeżerċita għall-iskop ta’ dawn ir-regolamenti, il-funzjonijiet mogħtija b’ dawn ir-regolamenti;

"vjaġġatur" tfisser kull persuna li tkun qiegħda tipprova tikkonkludi kuntratt, jew li hija intitolata li tivvjaġġa abbażi ta' kuntratt konkluż, fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti.

Applikabilità. ta’ dawn ir-regolamenti.

3. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal pakketti offruti għal bejgħ jew li jinbiegħu mill-kummerċjanti lill-vjaġġaturi u japplikaw ukoll għal arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta iffaċilitati minn kummerċjanti għall-vjaġġaturi.

Iżda dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:

(a) pakketti u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta li jkopru perjodu ta’ anqas minn 24 siegħa, u dan sakemm l-akkomodazzjoni mal-lejl ma tkunx inkluża;

(b) pakketti offruti jew arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta iffaċilitati okkażjonalment, mingħajr skop ta’ qligħ u dan biss għal grupp limitat ta' vjaġġaturi;

(ċ) pakketti u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta mixtrija abbażi ta' ftehim ġenerali għall-organizzazzjoni ta' vjaġġar fuq xogħol bejn kummerċjant u persuna oħra naturali jew ġuridika, liema persuna tkun qed taġixxi għal finijiet marbuta mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha:

Iżda ukoll dawn ir-regolamenti m’ għandhomx effett fuq il-liġi ġenerali kuntrattwali nazzjonali, bħal per eżempju dawk ir-regoli dwar il-validità, il-formazzjoni jew l-effett ta’ kuntratt, u dan safejn l-aspetti tal-liġi kuntrattwali ġenerali mhumiex regolati f’dawn ir-regolamenti.

Informazzjoni prekuntrattwali.

4. (1) Qabel mal-vjaġġatur ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar jew bi kwalunkwe offerta marbuta magħha, l-organizzatur għandu u, fejn il-pakkett jinbiegħ permezz ta’ negozjant, in-negozjant għandu ukoll jipprovdi lill-vjaġġatur bl-informazzjoni standard rilevanti kif tinsab fit-Taqsima A jew fit-Taqsima B tal-Iskeda I, u, fejn applikabbli għall-pakkett, bis-segwenti informazzjoni:

(a) il-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi tal-ivvjaġġar:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) id-destinazzjoni(jiet) tal-vjaġġ, l-itinerarju u l-perjodi ta' soġġorn, bid-dati u, fejn tkun inkluża l-akkomodazzjoni, in-numru ta' ljieli inklużi;

(ii) il-mezzi, il-karatteristiċi u l-kategoriji tat-trasport, il-postijiet, dati u ħinijiet ta' tluq u ritorn, it-tul u l-postijiet ta' fermati intermedji u l-konnessjonijiet tat-trasport. Meta l-ħin eżatt ma jkunx għadu ġie determinat, l-organizzatur għandu, u fejn applikabbli anke n-negozjant, jinforma lill-vjaġġatur dwar il-ħin approssimattiv tat-tluq u tar-ritorn;

(iii) il-post, il-karatteristiċi prinċipali u, fejn applikabbli, il-kategorija turistika tal-akkomodazzjoni skont ir-regoli tal-pajjiż ospitanti konċernat;

(iv) il-pjan dwar l-ikel;

(v) iż-żjarat, l-eskursjoni(jiet) jew is-servizzi l-oħra inklużi fil-prezz totali miftiehem għall-pakkett;

(vi) fejn ma jkunx evidenti mill-kuntest, jekk xi servizzi tal-ivvjaġġar humiex ser jiġu pprovduti lill-vjaġġatur bħala parti minn grupp, u jekk dak ikun il-każ u fejn possibbli, bejn wieħed u ieħor id-daqs tal-grupp;

(vii) fejn it-tgawdija ta' servizzi turistiċi oħra tal-vjaġġatur tiddependi minn komunikazzjoni orali effettiva, il-lingwa li biha dawk is-servizzi ser jitwettqu; u,

(viii) jekk il-vjaġġ jew il-btala humiex adatti b'mod ġenerali għal persuni b'mobbilità mnaqqsa u, fuq talba tal-vjaġġatur, informazzjoni preċiża dwar kemm hu adattat il-vjaġġ jew il-btala meta jitqiesu l-ħtiġijiet tal-vjaġġatur;

(b) l-isem kummerċjali u l-indirizz ġeografiku tal-organizzatur u, fejn applikabbli tan-negozjant, kif ukoll in-numru tat-telefon u, fejn applikabbli l-indirizz tal-posta elettronika;

(ċ) il-prezz totali tal-pakkett bit-taxxi inklużi u, fejn applikabbli, tat-tariffi, l-ħlasijiet u l-ispejjeż oħra kollha addizzjonali jew, meta dawn l-ispejjeż ma jistgħux jiġu raġonevolment ikkalkulati qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, indikazzjoni tat-tip ta' spejjeż addizzjonali li l-vjaġġatur jista' xorta waħda jkollu jerfgħa;

(d) l-arranġamenti għall-ħlas, inkluż kwalunkwe ammont

VERŻJONI ELETTRONIKA

jew perċentwal tal-prezz li għandu jitħallas bħala depożitu u l-iskeda ta' żmien għall-ħlas tal-bilanċ, jew garanziji finanzjarji li għandhom jitħallsu jew jiġu pprovduti mill-vjaġġatur;

(e) in-numru minimu ta’ persuni meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-pakkett u l-limitu ta’ żmien, hekk imsemmi fil-paragrafu (a) tar-regolament 11(3), qabel il-bidu tal-pakkett għal possibli terminazzjoni tal-kuntratt f’ każ li dak in-numru ma jintlaħaqx;

(f) informazzjoni ġenerali dwar ir-rekwiżiti tal-passaport u tal-*visa*, inklużi l-perijodi approssimattivi għall-kisba tal-*visa* u informazzjoni dwar il-formalitajiet relatati mas-saħħa, tal-pajjiż ta' destinazzjoni;

(g) informazzjoni li l-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt fi kwalunkwe ħin qabel il-bidu tal-pakkett la darba jsir ħlas ta' tariffa raġonevoli, jew, fejn applikabbli, it-tariffi standardizzati mitluba mill-organizzatur, u dan skont ir-regolament 11(1);

(h) informazzjoni dwar assigurazzjoni obbligatorja jew mhux obbligatorja sabiex tkopri l-ispejjeż għat-terminazzjoni tal-kuntratt mill-vjaġġatur jew l-ispejjeż relatati mal-assistenza, inklużi dawk ta’ ripatrijazzjoni, f’ każ ta' inċident, mard jew mewt.

Għal kuntratti ta’ pakketti tal-ivjaġġar li huma konklużi bit-telefon, l-organizzatur, u fejn applikabbli anke n-negozjant, għandu jipprovdi lill-vjaġġatur bl-informazzjoni standard li tinsab fit-Taqsima B tal-Iskeda I, u l-informazzjoni stipulata minn paragrafi (a) sa (h) tar-regolament 4(1).

(2) B’referenza għal pakketti hekk kif definiti fil-paragrafu (b)(v) tat-tifsira "pakkett" fir-regolament 2, l-organizzatur u l-kummerċjant li tintbagħat lilhom id-*data* għandhom jiżguraw li kull wieħed minnhom jipprovdi, u dan qabel mal-vjaġġatur ikun marbut b’kuntratt jew bi kwalunkwe offerta marbuta mal-istess, l-informazzjoni stipulata fil-paragrafi (a) sa (h) tar-regolament 4(1) u dan sa fejn din tkun rilevanti għas-servizzi tal-ivvjaġġar rispettivi li huma joffru. Fl-istess ħin l-organizzatur għandu jipprovdi wkoll l-informazzjoni standard permezz tal-formola hekk kif tinsab fit-Taqsima Ċ tal-Iskeda I.

(3) L-informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandha tiġi pprovduta b’mod prominenti, ċar u li jinftiehem. Fejn tali informazzjoni tiġi pprovduta bil-miktub, din għandha tkun leġibli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Natura vinkolanti ta' informazzjoni prekuntrattwali u konklużjoni ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar.

5. (1) L-informazzjoni pprovduta lill-vjaġġatur skont il-paragrafi (a), (ċ), (d), (e), u (g) tar-regolament 4(1) għandha tifforma parti integrali mill-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar u din l-informazzjoni ma għandhiex tinbidel sakemm il-partijiet kontraenti ma jaqblux espressament mod ieħor. L-organizzatur, u fejn applikabbli anke in-negozjant, għandu jikkomunika lill-vjaġġatur bil-bdil kollu fl-informazzjoni prekuntrattwali b'mod ċar, li jinftiehem u b' mod prominenti u dan għandu jsir qabel il-konklużjoni tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar.

(2) F'każ li l-organizzatur u, fejn applikabbli, anke n-negozjant, ma jkunx irrispetta r-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar tariffi, ħlasijiet jew spejjeż oħra addizzjonali kif imsemmija fil-paragrafi (ċ) tar-regolament 4(1) qabel il-konklużjoni tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, il-vjaġġatur m' għandux ibati dawk it-tariffi, ħlasijiet jew spejjeż oħra.

Kontenut tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar u d-dokumenti li għandhom ikunu forniti qabel il-bidu tal-pakkett.

6. (1) Il-kuntratti ta' pakketti tal-ivjaġġar għandhom ikunu b'lingwa sempliċi u li tinftiehem u, safejn dawn ikunu bil-miktub, dawn għandhom ikunu jistgħu jinqraw. Meta l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar jiġi konkluż jew mingħajr dewmien żejjed wara li jsir dan, l-organizzatur jew in-negozjant għandu jipprovdi lill-vjaġġatur b'kopja jew b' konferma tal-kuntratt fuq mezz li jservi għal żmien twil. Il-vjaġġatur għandu d-dritt li jitlob kopja stampata jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż fil-preżenza fiżika simultanja tal-partijiet.

Iżda f' każ ta' kuntratti li jkunu saru lil ħinn mill-post tan-negozju u dan kif inhu definit fl-Artikolu 2(8) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kopja jew konferma tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar għandha tiġi provduta lill-vjaġġatur fuq karta jew, jekk il-vjaġġatur jaqbel, fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil.

(2) Il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar jew il-konferma tal-kuntratt għandhom jistabbilixxu l-kontenut sħiħ tal-ftehim u għandhom jinkludu l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafi (a) sa (h) tar-regolament 4(1) u s-segwenti informazzjoni:

(a) ir-rekwiżiti speċjali tal-vjaġġatur li l-organizzatur ikun aċċetta;

(b) informazzjoni li l-organizzatur huwa:

(i) responsabbli għall-eżekuzzjoni xieraq tas-servizzi kollha tal-ivvjaġġar inklużi fil-kuntratt skont ir-regolament 12; u

(ii) obbligat li jipprovdi assistenza skont ir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Regolament 15 f'każ li l-vjaġġatur jinsab f'diffikultà;

(ċ) l-isem tal-entità li tipprovdi l-protezzjoni kontra l-insolvenza u d-dettalji ta' kuntatt tal-istess entità, inkluż l-indirizz ġeografiku, u meta jkun applikabbli, l-isem tal-awtorità kompetenti magħżula mill-Gvern għal dan l-iskop u id-dettalji ta' kuntatt tal-istess;

(d) l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku u, fejn applikabbli, in-numru tal-fax tar-rappreżentant lokali tal-organizzatur, ta' punt ta' kuntatt jew ta' servizz ieħor li jippermetti lill-vjaġġatur jagħmel kuntatt malajr mal-organizzatur u jikkomunika miegħu b'mod effiċjenti, u dan sabiex tintalab l-assistenza meta l-vjaġġatur jinsab f'diffikultà jew jilmenta dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità pperċepita matul l-eżekuzzjoni tal-pakkett;

(e) informazzjoni li l-vjaġġatur jeħtieġ li jikkomunika fuq kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jipperċepixxi waqt l-eżekuzzjoni tal-pakkett skont ir-regolament 12(2);

(f) fejn minorenni, mhux akkumpanjati minn ġenitur jew persuna oħra awtorizzata, jivvjaġġaw abbażi ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar li jinkludi akkomodazzjoni, informazzjoni li tippermetti kuntatt dirett mal-minorenni jew il-persuna responsabbli għall-minorenni fil-post ta' fejn ikun qiegħed il-minorenni;

(g) informazzjoni dwar il-proċeduri disponibbli li jittrattaw ilmenti internament u dwar soluzzjonijiet alternattivi għat-tilwim (*'Alternative Dispute Resolution'* jew 'ADR') skont id-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u, fejn applikabbli, dwar l-entità tal-ADR li tkopri lill-kummerċjant u dwar il-pjattaforma ta' soluzzjoni *online* għat-tilwim skont ir-regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(h) informazzjoni dwar id-dritt tal-vjaġġatur li jittrasferixxi l-kuntratt lill-vjaġġatur ieħor skont ir-regolament 8.

(3) B'referenza għal pakketti hekk kif mfissra fit-tifsira ta' "pakkett" fir-regolament 2, il-kummerċjant li tintbagħat id-*data* lilu għandu jgħarraf lill-organizzatur bil-konklużjoni tal-kuntratt li jwassal għall-ħolqien ta' pakkett. Il-kummerċjant għandu jipprovdi lill-organizzatur bl-informazzjoni neċessarja sabiex jikkonforma mal-obbligi tiegħu bħala organizzatur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Hekk kif l-organizzatur ikun infurmat li jkun ġie ikkreat pakkett, l-organizzatur għandu jipprovdi lill-vjaġġatur bl-informazzjoni msemmija mill-paragrafi (a) sa (h) tar-regolament 4 fuq mezz li jservi għal żmien twil.

(4) L-informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (2) u (3) għandha tiġi pprovduta b'mod ċar, li jinftiehem u b'mod prominenti.

(5) Fi żmien tajjeb biżżejjed qabel il-bidu tal-pakkett, l-organizzatur għandu jipprovdi lill-vjaġġatur bl-irċevuti, *vouchers* u biljetti neċessarji, bl-informazzjoni dwar il-ħinijiet tat-tluq skedati u, fejn applikabbli, l-iskadenza għaċ-*check-in*, kif ukoll il-ħinijiet skedati għall-fermati intermedjarji, il-konnessjonijiet ta' trasport u l-ħin tal-wasla.

L-oneru tal-prova.

7. Fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fir-regolamenti 4, 5 u 6, l-oneru tal-prova huwa fuq il-kummerċjant.

Trasferiment tal-kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar lill-vjaġġatur ieħor.

8. (1) Il-vjaġġatur jista', wara li jkun ta lill-organizzatur avviż fuq mezz li jservi għal żmien twil fi żmien raġonevoli qabel il-bidu tal-pakkett, jittrasferixxi l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar lill-persuna li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha applikabbli għal dak il-kuntratt:

Iżda l-avviż li jkun ingħata sa mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel il-bidu tal-pakkett għandu jitqies bħala raġonevoli.

(2) It-trasferitur ta' kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar u d-destinatarju għandhom ikunu solidament responsabbli għall-pagament tal-bilanċ dovut u għal kwalunkwe tariffi, ħlasijiet jew spejjeż oħra addizzjonali li jirriżultaw mit-trasferiment. L-organizzatur għandu jinforma lit-trasferitur dwar l-ispejjeż attwali tat-trasferiment. Dawn l-ispejjeż m'għandhomx ikunu mhux raġonevoli u ma għandhomx jeċċedu l-ispejjeż attwali li jġarrab l-organizzatur minħabba t-trasferiment tal-kuntratt.

(3) L-organizzatur għandu jipprovdi lit-trasferitur bi prova tat-tariffi, ħlasijiet jew spejjeż oħra addizzjonali li jirriżultaw mit-trasferiment tal-kuntratt ta'pakkett tal-ivjaġġar.

Bidla fil-prezz.

9. (1) Wara li jiġi konkluż il-kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar, il-prezzijiet jistgħu jogħlew biss f' każ li l-kuntratt espliċitament jirriżerva dik il-possibbiltà u jiddikjara li l-vjaġġatur huwa intitolat għal tnaqqis fil-prezz skont ir-regolament 9(4). F'dak il-każ il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar għandu jiddikjara kif għandhom jiġu kkalkolati r-reviżjonijiet fil-prezzijiet. Żidiet fil-prezzijiet għandhom ikunu esklużivament possibbli bħala konsegwenza diretta

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' bidliet:

(a) fil-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-passiġġieri li jirriżulta mill-ispiża tal-fjuwil jew sorsi oħrajn ta' enerġija,

(b) fil-livell ta' taxxi jew ħlasijiet fuq is-servizzi tal-ivjaġġar inklużi fil-kuntratt imposti minn terzi partijiet li mhumiex direttament involuti fl-eżekuzzjoni tal-pakkett, inkluż *tourist taxes, landing taxes,* jew miżati tal-imbark jew l-iżbark fil-portijiet u fl-ajruporti, jew

(ċ) fir-rati tal-kambju rilevanti għall-pakkett.

(2) Jekk iż-żieda fil-prezz imsemmija fis-subparagrafu (1) jaqbeż it-8% tal-prezz totali tal-pakkett, għandhom japplikaw mir-regolament 10(2) sar-regolament 10(5).

(3) Irrispettivament minn kemm hi ż-żieda, żieda fil-prezz għandha tkun possibbli biss f'każ li l-organizzatur jinnotifika lill-vjaġġatur, b'mod ċar u li jinftiehem, bil-ġustifikazzjoni dwar dik iż-żieda u jingħata kalkolu fuq mezz li jservi għal żmien twil sa mhux aktar tard minn 20 jum qabel il-bidu tal-pakkett.

(4) F'każ li l-kuntratt jistipula l-possibbiltà ta' żidiet fil-prezz, il-vjaġġatur għandu jkollu d-dritt għal tnaqqis fil-prezz li jikkorrispondi għal kwalunkwe tnaqqis fl-ispejjeż imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tar-regolament 9(1) li jseħħu wara l-konklużjoni tal-kuntratt qabel ma jibda l-pakkett.

(5) Fl-eventwalità ta' tnaqqis fil-prezz, l-organizzatur għandu jkollu d-dritt li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi attwali reali mir-rifużjoni dovuta lill-vjaġġatur. Fuq talba tal-vjaġġatur, l-organizzatur għandu jagħti prova ta' dawk l-ispejjeż amministrattivi.

Tibdil ta' kondizzjonijiet kuntrattwali oħra tal-pakkett tal-ivjaġġar.

10. (1) Qabel il-bidu tal-pakkett, l-organizzatur ma jistax ibiddel il-kondizzjonijiet kuntrattwali b' mod unilaterali ħlief għall-prezz skont ir-regolament 9*,* u dan sakemm:

(a) l-organizzatur ma jkunx irriżerva dak id-dritt fil-kuntratt;

(b) il-bidla ma tkunx insinifikanti; u

(ċ) l-organizzatur ma jkunx għarraf lill-vjaġġatur bil-bidla b'mod ċar, li jinftiehem u b' mod prominenti fuq mezz li jservi għal żmien twil.

(2) Jekk qabel il-bidu tal-perjodu tal-pakkett, l-organizzatur

VERŻJONI ELETTRONIKA

ikun kostrett li jibdel b'mod sinifikanti xi wieħed mill-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi tal-ivvjaġġar kif imsemmija fir-regolament 4(1)(a) jew ma jkunx jista' jissodisfa r-rekwiżiti speċjali kif imsemmija fir-regolament 6(2)(a), jew jipproponi li jżied l-prezz tal-pakkett b'aktar minn 8% skont r-regolament 9(2), il-vjaġġatur jista' entro żmien raġonevoli speċifikat mill-organizzatur:

(a) jaċċetta l-bidla proposta; jew

(b) jittermina l-kuntratt mingħajr ma jħallas miżata għat-terminazzjoni:

Iżda fil-każ li l-vjaġġatur jittermina l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, il-vjaġġatur jista' jaċċetta pakkett sostituttiv fejn dan jiġi offrut mill-organizzatur, liema pakkett għandu jkun ta' kwalita' ekwivalenti jew kwalita' ogħla jekk dan jkun possibli.

(3) L-organizzatur għandu jinforma mingħajr dewmien żejjed lill-vjaġġatur b'mod ċar, li jinftiehem u b' mod prominenti fuq mezz li jservi għal żmien twil dwar:

(a) il-bidliet proposti hekk msemmija fir-regolament 10(2) u, fejn ikun xieraq u dan skont ir-regolament 10(4), l-impatt tagħhom fuq il-prezz tal-pakkett;

(b) il-perjodu ta' żmien raġonevoli li entro fih il-vjaġġatur għandu jinforma lill-organizzatur bid-deċiżjoni tiegħu u dan skont ir-regolament 10(2);

(ċ) il-konsegwenzi tan-nuqqas min-naħa tal-vjaġġatur li jirrispondi sal-perjodu msemmi fil-paragrafu (b), u dan skont il-liġi nazzjonali applikabbli; u

(d) fejn applikabbli, il-pakkett sostituttiv offrut u l-prezz tiegħu.

(4) Fejn il-bidliet fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar imsemmija fil-paragrafu (a) tar-regolament 10(2) jew il-pakkett sostituttiv imsemmi fil-paragrafu (b) tar-regolament 10(2) jwasslu għal pakkett ta' kwalità jew prezz inqas, il-vjaġġatur għandu jkun intitolat għal tnaqqis xieraq fil-prezz.

(5) Jekk il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar jiġi tterminat skont il-paragrafu (b) tas-subregolament (2), u l-vjaġġatur ma jaċċettax pakkett sostituttiv, l-organizzatur għandu jirrifondi mingħajr dewmien żejjed l-pagamenti kollha li saru minn jew a nom tal-vjaġġatur u fi kwalunkwe każ dan għandu jsir sa mhux aktar tard minn 14-il jum wara li l-kuntratt ikun ġie tterminat. Ir-regolamenti 13(2) sa (6)

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw.

Terminazzjoni tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar u d-dritt ta' rtirar qabel il-bidu tal-pakkett.

11. (1) Il-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar fi kwalunkwe ħin qabel il-bidu tal-pakkett. Fejn il-vjaġġatur jittermina l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar skont dan is-subregolament, il-vjaġġatur jista' jintalab li jħallas miżata adatta u ġustifikabbli għat-terminazzjoni lill-organizzatur. Il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar jista' jispeċifika miżati raġonevoli standardizzati għat-terminazzjoni bbażati fuq iż-żmien tat-terminazzjoni tal-kuntratt qabel il-bidu tal-pakkett u l-iffrankar mistenni tal-ispejjeż u dħul mistenni mill-użu alternattiv tas-servizzi tal-ivvjaġġar. Fin-nuqqas ta' miżati standardizzati għat-terminazzjoni, l-ammont tal-miżata għat-terminazzjoni għandha tikkorrispondi għall-prezz tal-pakkett nieqes l-ispejjeż iffrankati u d-dħul mill-użu alternattiv tas-servizz tal-ivvjaġġar. Fuq talba tal-vjaġġatur l-organizzatur għandu jiġġustifika l-ammont tal-miżata għat-terminazzjoni.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-vjaġġatur għandu jkollu d-dritt li jittermina l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar qabel il-bidu tal-pakkett mingħajr ma jħallas ebda miżata għat-terminazzjoni fil-każ ta' ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji li jseħħu fil-post tad-destinazzjoni jew fil-viċinanzi immedjati tal-istess u li jaffettwaw sinifikament l-eżekuzzjoni tal-pakkett, jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti t-trasport tal-passiġġieri lejn id-destinazzjoni. F'każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, il-vjaġġatur għandu jkun intitolat għal rifużjoni sħiħa ta' kull pagament li sar għall-pakkett, iżda m' għandux ikun intitolat għal kumpens addizzjonali.

(3) L-organizzatur jista' jittermina l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar u jipprovdi lill-vjaġġatur b'rifużjoni sħiħa ta' kull pagament li jkun sar għall-pakkett, iżda ma għandux ikun responsabbli għal kumpens addizzjonali, jekk:

(a) l-għadd ta' persuni li jkunu nkitbu għall-pakkett ikun iżgħar min-numru minimu ddikjarat fil-kuntratt u l-organizzatur jinnotifika lill-vjaġġatur dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt fi żmien il-perjodu ffissat fil-kuntratt, iżda mhux iktar tard minn:

(i) 20 jum qabel il-bidu tal-pakkett f'każ ta' vjaġġi li jdumu aktar minn sitt ijiem;

(ii) 7 ijiem qabel il-bidu tal-pakkett f'każ ta' vjaġġi li jdumu bejn jumejn u sitt ijiem;

(iii) 48 siegħa qabel il-bidu tal-pakkett f'każ ta' vjaġġi li jdumu inqas minn jumejn; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) l-organizzatur ikun ipprojbit milli jwettaq il-kuntratt minħabba ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji u jinnotifika lill-vjaġġatur dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt mingħajr dewmien żejjed qabel il-bidu tal-pakkett.

(4) L-organizzatur għandu jipprovdi kwalunkwe rifużjoni meħtieġa skont is-subregolamenti (2) u (3) jew, fil-każ tas-subregolament (1), għandu irodd lura kwalunkwe pagamenti li jkunu saru minn jew a nom tal-vjaġġatur għal pakkett nieqes il-miżata għat-terminazzjoni xierqa. Dawn ir-rifużjonijiet jew rimborsi għandhom isiru lill-vjaġġatur mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 14-il jum wara li l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar ikun ġie tterminat.

Responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tal-pakkett.

12. (1) L-organizzatur huwa responsabbli għall-eżekuzzjoni tas-servizzi tal-ivvjaġġar inklużi fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, irrispettivament minn jekk dawk is-servizzi għandhomx jingħataw mill-organizzatur jew minn fornituri oħra ta' servizzi tal-ivjaġġar:

Iżda, meta kuntratt ta' pakkett tal-ivjaġġar huwa mibjugħ min-negozjant, in-negozjant huwa ukoll responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-pakkett u kwalunkwe dispożizzjonijiet applikabbli għall-organizzatur skont ir-regolament 6 u tar-regolament 8 sar-regolament 17 għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw ukoll għan-negozjant:

Iżda ukoll dan m' għandu jolqot ebda dritt ta' azzjoni li l-organizzatur u, jew in-negozjant jista' jkollu kontra l-organizzatur, in-negozjant u, jew dawk il-provdituri l-oħra ta' servizzi.

(2) Il-vjaġġatur għandu jinforma lill-organizzatur mingħajr dewmien żejjed, b' kont meħud taċ-ċirkostanzi tal-każ, b'kull nuqqas ta' konformità li hu jinduna bih waqt l-eżekuzzjoni ta' servizz tal-ivvjaġġar inkluż fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar.

(3) F'każ li wieħed mis-servizzi tal-ivvjaġġar ma jiġix eżegwit skont il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, l-organizzatur għandu jirrimedja n-nuqqas ta' konformità, u dan sakemm:

(a) ma jkunx impossibbli; jew

(b) ma jinvolvix spejjeż sproporzjonati, b' kont meħud tal-livell tan-nuqqas ta' konformità u l-valur tas-servizzi tal-ivvjaġġar affettwati.

Jekk l-organizzatur ma jirrimedjax in-nuqqas ta' konformità mal-paragrafu (a) jew (b), ir-regolament 13 għandu japplika.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (3), jekk l-organizzatur ma jirrimedjax in-nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' żmien raġonevoli ffissat mill-vjaġġatur, il-vjaġġatur jista' jagħmel dan huwa stess u jitlob rimbors tal-ispejjeż neċessarji. M’ għandux ikun meħtieġ li l-vjaġġatur jispeċifika limitu ta’ żmien jekk l-organizzatur jirrifjuta li jirrimedja n-nuqqas ta’ konformità jew f’każ li jkun meħtieġ rimedju immedjat.

(5) Meta proporzjon sinifikanti tas-servizzi tal-ivjaġġar ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti kif miftiehem fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, l-organizzatur għandu joffri, mingħajr spejjeż żejda lill-vjaġġatur, arranġamenti alternattivi xierqa ta' vjaġġar xierqa, u fejn hu possibbli, dan għandu jkun ta' kwalità ekwivalenti jew superjuri minn dawk speċifikati fil-kuntratt, għall-kontinwazzjoni tal-pakkett, inkluż fejn ir-ritorn tal-vjaġġatur lejn il-post tat-tluq ma jkunx ipprovdut kif miftiehem:

Iżda fejn l-arranġamenti alternattivi tal-ivjaġġar proposti jirriżultaw f’pakkett ta’ kwalità inferjuri minn dak speċifikat fil-kuntratt, l-organizzatur għandu joffri tnaqqis adattat tal-prezz lill-vjaġġatur:

Iżda wkoll il-vjaġġatur jista' jirrifjuta l-arranġamenti alternattivi tal-ivjaġġar proposti biss jekk ma jkunux komparabbli ma' dak li kien ġie miftiehem fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar jew jekk it-tnaqqis offrut tal-prezz ma jkunx adegwat.

(6) Fejn nuqqas ta’ konformità jaffettwa b'mod sostanzjali l-eżekuzzjoni tal-pakkett u l-organizzatur ikun naqas milli jirrimedja dan in-nuqqas f'perjodu ta' żmien raġonevoli hekk stabbilit mill-vjaġġatur, il-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar mingħajr ma jħallas miżata għat-terminazzjoni u, fejn adatt, jitlob tnaqqis fil-prezz u, jew kumpens għad-danni skont ir-regolament 13:

Iżda jekk ikun impossibbli sabiex isiru arranġamenti alternattivi jew il-vjaġġatur jirrifjuta l-arranġamenti alternattivi proposti skont it-tielet paragrafu tas-subregolament (5), il-vjaġġatur huwa, fejn xieraq, intitolat għal tnaqqis fil-prezz u, jew kumpens għad-danni skont ir-regolament 13 mingħajr ma jiġi tterminat il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar:

Iżda wkoll f’każ li l-pakkett jinkludi t-trasport tal-passiġġieri, l-organizzatur għandu, fil-każijiet imsemmija f’dan is-subregolament, jipprovdi ukoll r-ripatrijazzjoni tal-vjaġġatur permezz ta’ trasport ekwivalenti mingħajr dewmien żejjed u mingħajr spejjeż addizzjonali imposti fuq il-vjaġġatur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Sakemm ikun impossibbli li jiġi żgurat ir-ritorn tal-vjaġġatur kif miftiehem fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar minħabba ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji, l-organizzatur għandu jbati l-ispejjeż meħtieġa għall-akkomodazzjoni, liema dan għandu jkun fejn possibbli ta' kategorija ekwivalenti, għal perjodu ta' mhux aktar minn tlett iljieli għal kull vjaġġatur. Fejn perjodi itwal huma provduti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-passiġġieri applikabbli għal mezzi ta' trasport rilevanti għar-ritorn tal-vjaġġatur, għandhom japplikaw dawk il-perijodi.

(8) Il-limitazzjoni tal-ispejjeż imsemmija fis-subregolament (7) ma għandhomx japplikaw għal persuni b'mobiltà mnaqqsa, kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u kwalunkwe persuna li tkun magħhom, nisa tqal u minorenni mhux akkumpanjati, kif ukoll persuni fil-bżonn ta' assistenza medika speċifika, u dan sakemm l-organizzatur ikun ġie nnotifikat dwar il-ħtiġijiet partikolari tagħhom mill-inqas 48 siegħa qabel il-bidu tal-pakkett. L-organizzatur ma jistax jinvoka ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji biex jillimita r-responsabbiltà msemmija fis-subregolament (7) f'każ li l-fornitur tat-trasport rilevanti ma jkunx jista' jiddependi fuq ċirkostanzi bħal dawn skont il-leġislazzjoni applikabbli tal-Unjoni Ewropea.

Tnaqqis fil-prezz u kumpens għad-danni.

13. (1) Il-vjaġġatur huwa intitolat għal tnaqqis fil-prezz adegwat għal kwalunkwe perijodu li matulu kien hemm nuqqas ta' konformità, u dan sakemm l-organizzatur ma jagħtix prova li n-nuqqas ta' konformità huwa attribwibbli lill-vjaġġatur.

(2) Il-vjaġġatur għandu jkun intitolat li jirċievi kumpens adegwat mingħand l-organizzatur għal kwalunkwe dannu li l-vjaġġatur iġarrab bħala riżultat ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità. Il-kumpens għandu jingħata mingħajr dewmien żejjed.

(3) Il-vjaġġatur ma għandux ikun intitolat għal kumpens għad-danni jekk l-organizzatur jagħti prova li n-nuqqas ta' konformità jkun:

(a) attribwibbli lill-vjaġġatur;

(b) attribwibbli għal terza parti, li ma jkollhiex x'taqsam mal-provviżjoni tas-servizzi tal-ivjaġġar inklużi fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, u jkun imprevedibbli jew inevitabbli; jew

(ċ) minħabba ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji.

(4) Sakemm konvenzjonijiet internazzjonali li jorbtu lill-Unjoni Ewropea jillimitaw il-livell ta' kumpens jew il-kundizzjonijiet skont liema l-kumpens għandu jitħallas minn fornitur li jwettaq servizz tal-ivjaġġar li huwa parti minn pakkett, l-istess limitazzjonijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom japplikaw għall-organizzatur:

Iżda fi rigward ta’ konvenzjonijiet internazzjonali oħra li ma jorbtux lill-Unjoni Ewropea, imma li fihom Malta hija parti għalihom, u liema konvenzjonijiet jillimitaw il-kumpens li għandu jitħallas minn fornitur ta' servizz li jipprovdi servizz tal-ivjaġġar li jifforma parti minn pakkett, l-istess limitazzjonijiet imposti f’dawn il-konvenzjonijiet internazzjonali għandhom ukoll japplikaw għall-organizzaturi:

Iżda wkoll f’każijiet oħra, il-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar jista’ jillimita l-kumpens li għandu jitħallas mill-organizzatur sakemm din il-limitazzjoni ma tapplikax għal ħsara personali jew dannu kkawżat intenzjonalment jew minħabba negliġenza u li din il-limitazzjoni ma tammontax għal inqas minn tlett darbiet il-prezz totali tal-pakkett.

(5) Kwalunkwe dritt għall-kumpens jew tnaqqis fil-prezz skont dawn ir-regolamenti m’ għandux jaffettwa d-drittijiet tal-vjaġġaturi skont ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skont konvenzjonijiet internazzjonali. Il-vjaġġaturi għandhom ikunu intitolati li jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom skont dawn ir-regolamenti u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-konvenzjonijiet internazzjonali. Kumpens jew tnaqqis fil-prezz mogħti skont dawn ir-regolamenti u kumpens jew tnaqqis fil-prezz mogħti skont l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-konvenzjonijiet internazzjonali għandhom jitnaqqsu minn xulxin sabiex jiġi evitat kumpens żejjed.

(6) Il-perjodu ta' preskrizzjoni biex jiġu ippreżentati pretensjonijiet skont dan ir-regolament huwa ta’ sentejn mill-aħħar ġurnata tal-pakkett.

Possibbiltà li jsir kuntatt mal-organizzatur permezz tan-negozjant.

14. Mingħajr preġudizzju għat-tieni proviso tar-regolament 12(1), l-vjaġġatur jista’ jindirizza messaġġi, talbiet jew ilmenti relatati mal-eżekuzzjoni tal-pakkett direttament lin-negozjant li mingħandu jkun inxtara l-pakkett. In-negozjant għandu jgħaddi dawk il-messaġġi, talbiet jew ilmenti lill-organizzatur mingħajr dewmien żejjed.

Għall-fini ta’ konformità mal-limiti taż-żmien jew il-perjodi ta’ preskrizzjoni, il-wasla ta' messaġġi, talbiet jew ilmenti msemmija fil-paragrafu preċedenti għand in-negozjant għandha titqies bħala li waslet għand l-organizzatur.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Obbligazzjoni li tiġi provduta assistenza.

15. L-organizzatur għandu jagħti assistenza xierqa mingħajr dewmien bla bżonn lill-vjaġġatur li jkun f'diffikultà, inkluż fiċ-ċirkostanzi msemmija fir-regolament 12(7), partikolarment permezz ta' li:

(a) jipprovdi informazzjoni adatta dwar is-servizzi tas-saħħa, l-awtoritajiet lokali u l-assistenza konsulari; u

(b) jgħin lill-vjaġġatur jagħmel komunikazzjoni mill-bogħod u jgħin lill-vjaġġatur isib arranġamenti alternattivi tal-ivvjaġġar.

L-organizzatur jista' jimponi miżata raġonevoli għal din l-assistenza jekk is-sitwazzjoni tkun kkawżata intenzjonalment mill-vjaġġatur jew minħabba negliġenza tal-vjaġġatur. Dik il-miżata m' għandha fl-ebda każ taqbeż l-ispejjeż li attwalment ikun ġarrab l-organizzatur.

Effikaċja u l-ambitu ta' protezzjoni mill-insolvenza.

16. (1) L-organizzaturi għandhom jipprovdu sigurtà għar-rifużjoni tal-pagamenti kollha magħmula minn jew għan-nom tal-vjaġġaturi u dan sa fejn is-servizzi rilevanti ma jitwettqux bħala konsegwenza tal-insolvenza tal-organizzatur. F'każ li t-trasport tal-passiġġieri huwa inkluż fil-kuntratt tal-pakkett tal-ivjaġġar, l-organizzaturi għandhom ukoll jipprovdu sigurtà għar-ripatrijazzjoni tal-vjaġġaturi. Il-kontinwazzjoni tal-pakkett jista' jiġi offrut:

Iżda organizzaturi li mhumiex stabbiliti f'Malta u li jbiegħu jew joffru għall-bejgħ pakketti f'Malta, jew li bi kwalunkwe mezz jidderieġu dawn l-attivitajiet lejn Malta, huma obbligati li jipprovdu sigurtà skont il-liġijiet ta' Malta:

L.S. 409.18

Iżda wkoll dawk l-organizzaturi li huma suġġetti għall-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Insolvenza dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar għandhom jipprovdu s-sigurtà hekk stabbilita' f'dawn ir-regolamenti hekk imsemmija.

(2) Is-sigurtà provduta mill-organizzaturi msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun effettiva u għandha tkopri l-ispejjeż li huma raġonevolment prevedibbli. Din għandha tkopri l-ammonti ta' pagamenti li jsiru minn jew a nom tal-vjaġġaturi fir-rigward ta' pakketti, kont meħud tat-tul tal-perjodu bejn il-pagamenti parzjali u l-pagamenti finali u t-tlestija tal-pakketti, kif ukoll l-ispejjeż stmati għar-ripatrijazzjonijiet fil-każ tal-insolvenza tal-organizzatur.

(3) Il-protezzjoni mill-insolvenza ta' organizzatur għandha tibbenefika lill-vjaġġaturi irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom, mill-post tat-tluq jew fejn inbiegħ il-pakkett u irrispettivament mill-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-operatur jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-korp li qed jipprovdi l-protezzjoni.

(4) Meta l-eżekuzzjoni tal-pakkett hija affettwata mill-insolvenza tal-organizzatur, din is-sigurtà għandha tkun disponibbli mingħajr ħlas sabiex jiġi żgurat r-ripatrijazzjonijiet u, jekk hu meħtieġ, il-finanzjament tal-akkomodazzjoni qabel ir-ripatrijazzjoni.

(5) Għal servizzi tal-ivvjaġġar li għadhom ma ġewx eżegwiti, ir-rifużjonijiet għandhom jingħataw mingħajr dewmien bla bżonn wara li ssir talba mill-vjaġġatur.

Rikonoxximent reċiproku ta' protezzjoni mill-insolvenza u kooperazzjoni amministrattiva. L.S. 409.18.

17. (1) Kwalunkwe protezzjoni mill-insolvenza provduta minn organizzatur skont il-miżuri tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit għandu jiġi rikonoxxut li jissodisfa r-rekwiżiti tar-regolament 16 u, jekk ikun applikabbli, tar-Regolamenti dwar il-Fond għall-Insolvenza dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar

(2) L-Awtorità għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni amministrattiva u s-superviżjoni tal-organizzaturi. L-Awtorità għandha tinnotifika d-dettalji tal-kuntatt tagħha lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

(3) L-Awtorità għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-punti ta' kuntatt hekk kif stabbiliti fl-Istati Membri 'l oħra l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-protezzjoni nazzjonali mill-insolvenza u l-identità tal-entità jew tal-entitajiet responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza għal organizzaturi speċifiċi stabbiliti fit-territorju tagħha. L-Awtorità għandha tagħti aċċess lill-punti ta' kuntatt stabbiliti fl-Istati Membri 'l oħra aċċess għal kwalunkwe inventarju disponibbli li jelenka organizzaturi li huma konformi mal-obbligi tagħhom ta' protezzjoni mill-insolvenza. Kwalunkwe inventarju bħal dan għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż *online.*

(4) F'każ li l-Awtorità għandha kwalunkwe dubji dwar il-protezzjoni mill-insolvenza ta' organizzatur, hija għandha tfittex kjarifika mingħand l-Istat membru tal-istabbiliment tal-organizzatur.

(5) L-Awtorità għandha twieġeb għal talbiet mingħand Stati Membri oħra kemm jista' jkun malajr u dan wara li tittieħed in kunsiderazzjoni l-urġenza u l-kumplessità tal-kwistjoni. Fi kwalunkwe każ, l-ewwel tweġiba għandha tinħareġ tal-anqas fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol minn meta tasal it-talba.

Protezzjoni mill-insolvenza u rekwiżiti ta' informazzjoni għal arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta.

18. (1) Il-kummerċjanti li jiffaċilitaw l-arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta għandhom jipprovdu sigurtà għar-rifużjoni tal-pagamenti li huma jirċievu mingħand vjaġġaturi u dan sa fejn is-servizz tal-ivjaġġar li huwa parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut ma jingħatax b'konsegwenza tal-insolvenza tagħhom. F'każ li

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-kummerċjanti jkunu responsabbli għat-trasport tal-passiġġieri, din is-sigurtà għandha tkopri wkoll ir-ripatrijazzjoni tal-vjaġġatur. It-tieni subparagrafu tar-regolament 16(1), ir-regolament 16(2) sa (5) u r-regolament 17 għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw.

(2) Qabel mal-vjaġġatur ikun marbut bi kwalunkwe kuntratt li jwassal għall-ħolqien ta' arranġament tal-ivvjaġġar marbut jew għal kwalunkwe offerta simili, il-kummerċjant li qed jiffaċilita l-arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, inkluż meta l-kummerċjant ma jkunx stabbilit f'Malta iżda, bi kwalunkwe mezz, jidderieġi dawn l-attivitajiet lejn Malta, għandu jiddikjara b'mod ċar, li jinftiehem u b' mod prominenti li l-vjaġġatur:

(a) mhux ser jibbenefika minn ebda wieħed mid-drittijiet mogħtija esklużivament għall-pakketti skont dawn ir-regolamenti u li kull fornitur ta' servizz ser ikun responsabbli biss għall-eżekuzzjoni kuntrattwali xierqa tas-servizz tiegħu; u

(b) ser jibbenefika mill-protezzjoni mill-insolvenza skont ir-regolament 18(1).

Sabiex jikkonforma ma' dan ir-regolament, il-kummerċjant li qed jiffaċilita l-arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta għandu jipprovdi lill-vjaġġatur b'dik l-informazzjoni permezz tal-formola ta' informazzjoni standard rilevanti li tinsab fl-Iskeda II, jew, fejn it-tip partikolari ta' arranġament tal-ivvjaġġar marbut mhux kopert mill-ebda waħda mill-formoli li jinsabu f'dak l-iskeda, jipprovdi l-informazzjoni li tinsab fiha.

(3) Fejn il-kummerċjant li qed jiffaċilita l-arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta ma jkunx ikkonforma mar-rekwiżiti mniżżla fis-subregolamenti (1) u (2), id-drittijiet u l-obbligi mniżżla fir-regolament 8 u fir-regolamenti 11 sa 15 għandhom japplikaw fir-rigward ta' servizzi tal-ivvjaġġar inklużi fl-arranġament tal-ivvjaġġar marbut.

(4) Fejn arranġament tal-ivvjaġġar marbut huwa r-riżultat ta' konklużjoni ta' kuntratt bejn vjaġġatur u kummerċjant li ma jiffaċilitax l-arranġament tal-ivvjaġġar marbut, dak il-kummerċjant għandu jinforma lill-kummerċjant li qed jiffaċilita l-arranġament tal-ivvjaġġar marbut dwar il-konklużjoni tal-kuntratt rilevanti.

Obbligi speċifiċi tan-negozjant fejn l-organizzatur huwa stabbilit barra miż-Żona Ekonomika Ewropea.

19. Mingħajr preġudizzju għat-tieni proviso tar-regolament 12(1), meta l-organizzatur huwa stabbilit barra ż-Żona Ekonomika Ewropea, in-negozjant stabbilit f'Malta huwa soġġett għall-obbligi stabbiliti għall-organizzaturi fir-regolamenti 12 sa 17, sakemm in-negozjant ma jipprovdix evidenza li l-organizzatur huwa konformi ma'

VERŻJONI ELETTRONIKA

dawn ir-regolamenti.

Responsabbiltà għal żbalji ta' prenotazzjoni.

20. Il-kummerċjant huwa responsabbli għal kwalunkwe żbalji li jsiru minħabba difetti tekniċi fis-sistema tal-prenotazzjoni li jkunu attribwibbli għalih u, fejn il-kummerċjant ikun qabel li jagħmel l-prenotazzjoni ta' pakkett jew ta' servizzi tal-ivvjaġġar li huma parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut, għall-iżbalji li jkunu saru waqt il-proċess tal-prenotazzjoni:

Iżda l-kummerċjant ma għandux ikun responsabbli għal żbalji ta' prenotazzjoni li jkunu attribwibbli għall-vjaġġatur jew li jiġu kkawżati minn ċirkostanzi inevitabbli u straordinarji.

Dritt ta' rimedju.

21. F'każijiet fejn organizzatur jew, skont it-tieni proviso tar-regolament 12(1) jew tar-regolament 19, negozjant jħallas kumpens, jagħti tnaqqis fil-prezz jew jissodisfa l-obbligi l-oħra li għandu d-dmir li josserva skont dawn ir-regolamenti, l-organizzatur jew in-negozjant għandu d-dritt li jfittex rimedju mingħand kwalunkwe parti terza li kkontribwixxiet għall-avveniment li wassal għall-kumpens, tnaqqis fil-prezz jew obbligi oħra.

Natura imperattiva ta' dawn ir-regolamenti.

22. (1) Dikjarazzjoni minn organizzatur jew kummerċjant li qed jiffaċilita arranġament tal-ivvjaġġar marbut li hu qed jaġixxi esklużivament bħala fornitur ta' servizz tal-ivvjaġġar, bħala intermedjarju jew fi kwalunkwe kapaċità oħra, jew li pakkett jew arranġament tal-ivvjaġġar marbut ma jikkostitwixxix bħala pakkett jew arranġament tal-ivvjaġġar marbut, ma teħlisx lil dak l-organizzatur jew kummerċjant mill-obbligi imposti fuqhom f'dawn ir-regolamenti.

(2) Il-vjaġġaturi ma jistgħux jċedu d-drittijiet mogħtija lilhom permezz ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Kwalunkwe arranġament kuntrattwali jew kwalunkwe dikjarazzjoni mill-vjaġġatur fejn direttament jew indirettament jirrinunzja jew jirrestrinġi d-drittijiet mogħtija lill-vjaġġaturi permezz ta' dawn ir-regolamenti jew li għandhom l-għan li jiġi evitat l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-vjaġġatur.

Infurzar u pieni.

23. (1) Kull persuna li tonqos milli tħares kwalunkwe dispożizzjoni minn dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u għandu, meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73).

(2) Il-qorti, minbarra li tagħti l-piena msemmija fis-subregolament (1), għandha tordna lill-ħati biex jreġġa'lura kull ħaġa

VERŻJONI ELETTRONIKA

li tkun saret bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew li jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti, skont il-każ, fi żmien biżżejjed għal dak l-iskop, iżda f'ebda każ għal żmien itwal minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, kif jiġi stabbilit mill-qorti; u, jekk il-ħati jonqos milli jħares xi ordni fiż-żmien hekk stabbilit, jeħel multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux aktar minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien.

(3) (a) It-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti minn kummerċjant għandu jitqies li jkun kundizzjoni li għaliha tkun suġġetta liċenzja biex tiġi operata attività turistika, irrispettivament jekk issirx riferenza għal dawn ir-regolamenti fil-liċenzja nnifisha.

(b) Kull kummerċjant li jonqos milli jħares kwalunkwe dispożizzjoni minn dawn ir-regolamenti u huwa fi pussess jew suppost huwa fi pussess ta' liċenzja maħruġa skont l-Att jkun ħati ta' reat u għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-multi u l-penalitajiet hekk kif stipulati fl-artikolu 43 u 45 tal-Att.

(ċ) F'każ li l-Awtorità hija sodisfatta li l-kummerċjant ikun ripetutament kisser jew naqas milli jħares dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tissospendi jew tiċħad milli iġedded il-liċenzja tal-kummerċjant biex jopera attività turistika taħt l-Att għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

(4) Meta reat taħt dawn ir-regolamenti ikun sar minn korp ġuridiku u jiġi ppruvat li jkun sar bil-kunsens jew bil-kompliċità ta' xi direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dak il-korp, jew li jkun ġie faċilitata minħabba f'xi traskuraġni tagħhom, jew ta' xi persuna li kienet qiegħda tassumi li taġixxi f'xi kapaċità bħal dik, dik il-persuna, kif ukoll dak il-korp, jkunu ħatja ta' reat u jistgħu jsiru proċedimenti kontrihom u li jiġu puniti bħallikieku kienu ħatja tar-reati imsemmija f'dawn ir-regolamenti.

(5) Uffiċjal awtorizzat jista', jekk ikollu tassew għaliex bir-raġun jissuspetta li jkun sar reat taħt dawn ir-regolamenti, f'kull ħin raġonevoli u wara li juri, jekk hekk jenħtieġ li jagħmel, il-kredenzjali tiegħu, jeżerċita dawn is-setgħat li ġejjin, jiġifieri:

(a) jispezzjona kull oġġett u jidħol f'kull fond minbarra minn xi fond li jintuża biss bħala dar;

(b) jeħtieġ lil kull min ikollu x'jaqsam mal-organizzazzjoni jew in-negozjar ta' pakketti li jipproduċi kull ktieb jew dokument li jkun jirrelata għall-attività u jagħmel kopji

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' dawk il-kotba u dokumenti, jew ta' xi ħaġa li tkun miktuba fihom; jew jeħtieġ lil dik il-persuna li tipproduċi f'forma dokumentarja viżibbli u leġibbli kull informazzjoni hekk relatata li tkun tinsab f'xi *computer*, u li jaħmel kopji tagħha;

(ċ) jaqbad u jżomm għandu kull oġġett jew document li jista' jkun meħtieġ bħala prova fi proċedimenti dwar xi reat taħt dawn ir-regolamenti. Meta jkun qed jagħmel dan, l-uffiċjal għandu jgħarraf lill-persuna li dawn l-oġġetti jew dokumenti jittieħdu mill-pussess tagħha;

(d) jeħtieġ lil kull min ikollu x'jaqsam mal-organizzazzjoni jew in-negozjar ta' pakketti li jagħti kull informazzjoni oħra li l-uffiċjal jista' jkun raġonevolment jeħtieġ għar-rigward ta' dik l-attività;

(e) isejjaħ, f'kull ħin raġonevoli, lil xi persuna li tkun impjegata jew li jkollha x'taqsam mal-organizzazzjoni jew in-negozjar ta' pakketti, sabiex tagħtih kull informazzjoni li l-uffiċjal jista' raġonevolment jeħtieġ dwar dik l-attività u li tipproduċi lill-uffiċjal kull record li jkun fil-kontroll ta' dik il-persuna.

(6) Kull persuna li tostruwwixxi jew tindaħal lil xi uffiċjal awtorizzat fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-uffiċjal taħt dawn ir-regolamenti jew li tagħti lil xi uffiċjal awtorizzat informazzjoni li tkun falza jew li tiżgwida, tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-multi u l-penalitajiet stipulati fl-artikoli 43 u 45 tal-Att.

(7) Kull persuna li tirrifjuta milli tħares xi talba ta' uffiċjal awtorizzat fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' l-uffiċjal taħt dawn ir-regolamenti, tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-multi u l-penalitajiet stipulati fl-artikoli 43 u 45 tal-Att.

(8) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 43(3), 43(4) u 45 tal-Att għandhom, *mutatis mutandis,* japplikaw lil kwalunkwe persuna li tonqos milli tħares kwalunkwe dispożizzjoni minn dawn ir-regolamenti.

(9) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 23 għandhom japplikaw ukoll lil kwalunkwe kummerċjant li għalih jistgħu jkunu japplikaw dawn ir-regolamenti, ukoll jekk dan il-kummerċjant ma jkunx jopera attività turistika li teħtieġ liċenzja taħt l-Att.

24. Ir-Regolamenti dwar Pakkett tal-Ivvjaġġar, Pakkett Vaganzi u Pakkett ta' Tours għandhom b'dawn qegħdin jiġu mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju, 2018, u kwalunkwe referenza għalihom

Tħassir. L.S. 409.01

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandha tiġi meqjusa bħala referenza għal dawn ir-regolamenti.

SKEDA I

Taqsima A

Formola ta' informazzjoni standard għal kuntratti ta' pakkett tal-ivvjaġġar fejn l-użu ta' *hyperlinks* hu possibbli

Il-kombinazzjoni tas-servizzi tal-ivvjaġġar offruta lilek huwa pakkett fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/2302 u tar-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, inti għandek tibbenifika mid-drittijiet kollha tal-UE li japplikaw għal pakketti. Il-kumpannija XY/il-kumpanniji XY ser ikunu responsabbli b'mod sħiħ għall-eżekuzzjoni xieraq tal-pakkett fl-intier kollu tiegħu.

Addizzjonalment, kif mitlub mil-liġi, il-kumpannija XY/il-kumpanniji XY għandha/għandhom protezzjoni fis-seħħ sabiex tirrimborsa/jirrimborsaw il-pagamenti tiegħek u, fejn it-trasport ikun inkluż fil-pakkett, tiżgura/jiżguraw ir-ripatrijazzjoni tiegħek f'każ li tisfa'/jisfgħu insolventi.

Aktar informazzjoni dwar id-drittijiet ewlenin skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta) Meta jsegwi l-*hyperlink* il-vjaġġatur ser jirċievi s-segwenti informazzjoni:

Drittijiet ewlenin skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta):

— Il-vjaġġaturi se jirċievu l-informazzjoni essenzjali kollha dwar il-pakkett qabel ma jikkonkludu l-kuntratt tal-pakkett tal-ivvjaġġar.

— Dejjem ikun hemm tal-inqas kummerċjant wieħed li jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa tas-servizzi tal-ivvjaġġar kollha inklużi fil-kuntratt.

— Il-vjaġġaturi jingħataw numru tat-telefon ta' emerġenza jew punt ta' kuntatt fejn jistgħu jagħmlu kuntatt mal-organizzatur jew l-aġent tal-ivvjaġġar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

— Il-vjaġġaturi jistgħu jittrasferixxu l-pakkett lil persuna oħra, billi ssir notifika fi żmien raġonevoli u possibbilment ikunu soġġetti għal miżati addizzjonali.

— Il-prezz tal-pakkett jista' jogħla biss f'każ li jogħlew prezzijiet speċifiċi (pereżempju, prezzijiet tal-*fuel*) u sakemm ikun espressament provdut fil-kuntratt, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 20 jum qabel il-bidu tal-pakkett. Jekk iż-żieda fil-prezz taqbeż it-8% tal-prezz tal-pakkett, il-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt. Jekk l-organizzatur jirriżerva d-dritt ta' żieda fil-prezz, il-vjaġġatur għandu dritt għal tnaqqis fil-prezz jekk ikun hemm roħs tal-ispejjeż rilevanti.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu kwalunkwe miżati ta' terminazzjoni u jieħdu lura rifużjoni sħiħa ta' kwalunkwe pagamenti jekk xi wieħed mill-elementi essenzjali tal-pakkett, apparti l-prezz, ikun inbidel b'mod sinifikanti. Jekk qabel il-bidu tal-pakkett il-kummerċjant responsabbli għall-pakkett jikkanċella l-pakkett, il-vjaġġaturi huma intitolati għal rifużjoni u kumpens fejn adatt.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu ebda miżati għat-terminazzjoni qabel jinbeda l-pakkett f'ċirkostanzi eċċezzjonali, pereżempju fejn ikun hemm problemi serji ta' sigurtà fid-destinazzjoni li x'aktarx jaffettwaw il-pakkett.

— Kif ukoll, il-vjaġġaturi jistgħu, fi kwalunkwe ħin qabel il-bidu tal-pakkett, jitterminaw il-kuntratt jekk iħallsu tariffa ta' terminazzjoni xierqa u ġustifikabbli.

— Jekk, wara li jinbeda l-pakkett, elementi sinifikanti tal-pakkett ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti skont il-ftehim, iridu jiġu offruti lill-vjaġġatur arranġamenti alternattivi ta' vjaġġar xierqa mingħajr ebda spiża oħra. Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu miżata għat-terminazzjoni, meta s-servizzi ma jiġux imwettqa kif miftiehem fil-kuntratt u dan jaffettwa sostanzjalment it-twettiq tal-pakkett u l-organizzatur jonqos milli jagħti rimedju għall-problema.

— Il-vjaġġaturi huma wkoll intitolati għal tnaqqis fil-prezz u/jew kumpens għad-danni fejn is-servizzi ta' vjaġġar ma jiġux eżegwiti jew ma jiġux eżegwiti b'mod xieraq.

VERŻJONI ELETTRONIKA

— L-organizzatur għandu jipprovdi assistenza jekk il-vjaġġatur ikun f'diffikultà.

— Jekk l-organizzatur u, jew fejn applikabbli in-negozjant jisfa insolventi, il-pagamenti jintraddu lura. Jekk l-organizzatur u, jewfejn applikabbli n-negozjant, jisfa insolventi wara l-bidu tal-pakkett u jekk it-trasport ikun inkluż fil-pakkett, ir-ripatrijazzjoni tal-vjaġġaturi hija żgurata. XY għandha fis-seħħ protezzjoni mill-insolvenza ma' YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza, eż. fond ta' garanzija jew kumpannija tal-assigurazzjoni]. Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma' din l-entità jew, fejn applikabbli lill-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt

Taqsima B

Formola ta' informazzjoni standard għal kuntratti ta' pakkett tal-ivvjaġġar f'sitwazzjonijiet oħra għajr dawk koperti fit-Taqsima A

Il-kombinazzjoni tas-servizzi tal-ivvjaġġar offruta lilek huwa pakkett fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2015/2302 u tar-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, inti għandek tibbenifika mid-drittijiet kollha tal-UE li japplikaw għal pakketti. Il-kumpannija XY/il-kumpanniji XY ser ikunu responsabbli b'mod sħiħ għall-eżekuzzjoni xierqa tal-pakkett fl-intier kollu tiegħu.

Addizzjonalment, kif mitlub mil-liġi, il-kumpannija XY/il-kumpanniji XY għandha/għandhom protezzjoni fis-seħħ sabiex tirrimborsa/jirrimborsaw il-pagamenti tiegħek u, fejn it-trasport ikun inkluż fil-pakkett, tiżgura/jiżguraw ir-ripatrijazzjoni tiegħek f'każ li tisfa'/jisfgħu insolventi.

Drittijiet ewlenin skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u tar-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta)

— Il-vjaġġaturi se jirċievu l-informazzjoni essenzjali kollha dwar il-pakkett qabel ma jikkonkludu l-kuntratt tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

pakkett tal-ivvjaġġar.

— Dejjem ikun hemm tal-inqas kummerċjant wieħed li jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa tas-servizzi tal-ivvjaġġar kollha inklużi fil-kuntratt.

— Il-vjaġġaturi jingħataw numru tat-telefon ta' emerġenza jew punt ta' kuntatt fejn jistgħu jagħmlu kuntatt mal-organizzatur jew l-aġent tal-ivvjaġġar.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jittrasferixxu l-pakkett lil persuna oħra, billi ssir notifika fi żmien raġonevoli u possibbilment ikunu soġġetti għal miżati addizzjonali.

— Il-prezz tal-pakkett jista' jogħla biss f'każ li jogħlew prezzijiet speċifiċi (pereżempju, prezzijiet tal-*fuel*) u sakemm ikun espressament provdut fil-kuntratt, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 20 jum qabel il-bidu tal-pakkett. Jekk iż-żieda fil-prezz taqbeż it-8% tal-prezz tal-pakkett, il-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt. Jekk l-organizzatur jirriżerva d-dritt ta' żieda fil-prezz, il-vjaġġatur għandu dritt għal tnaqqis fil-prezz jekk ikun hemm roħs tal-ispejjeż rilevanti.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu kwalunkwe miżati ta' terminazzjoni u jieħdu lura rifużjoni sħiħa ta' kwalunkwe pagamenti jekk xi wieħed mill-elementi essenzjali tal-pakkett, apparti l-prezz, ikun inbidel b'mod sinifikanti. Jekk qabel il-bidu tal-pakkett il-kummerċjant responsabbli għall-pakkett jikkanċella l-pakkett, il-vjaġġaturi huma intitolati għal rifużjoni u kumpens fejn adatt.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu ebda miżati għat-terminazzjoni qabel jinbeda l-pakkett f'ċirkostanzi eċċezzjonali, pereżempju fejn ikun hemm problemi serji ta' sigurtà fid-destinazzjoni li x'aktarx jaffettwaw il-pakkett.

— Kif ukoll, il-vjaġġaturi jistgħu, fi kwalunkwe ħin qabel il-bidu tal-pakkett, jitterminaw il-kuntratt jekk iħallsu tariffa ta' terminazzjoni xierqa u ġustifikabbli.

— Jekk, wara li jinbeda l-pakkett, elementi sinifikanti tal-pakkett ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti skont il-ftehim, iridu jiġu offruti lill-vjaġġatur arranġamenti alternattivi ta' vjaġġar xierqa mingħajr ebda spiża oħra. Il-vjaġġaturi

VERŻJONI ELETTRONIKA

jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu miżata għat-terminazzjoni, meta s-servizzi ma jiġux imwettqa kif miftiehem fil-kuntratt u dan jaffettwa sostanzjalment it-twettiq tal-pakkett u l-organizzatur jonqos milli jagħti rimedju għall-problema.

— Il-vjaġġaturi huma wkoll intitolati għal tnaqqis fil-prezz u/jew kumpens għad-danni fejn is-servizzi ta' vjaġġar ma jiġux eżegwiti jew ma jiġux eżegwiti b'mod xieraq.

— L-organizzatur għandu jipprovdi assistenza jekk il-vjaġġatur ikun f'diffikultà.

— Jekk l-organizzatur u, jew fejn applikabbli in-negozjant, jisfa insolventi, il-pagamenti jintraddu lura. Jekk l-organizzatur u, jew fejn applikabbli n-negozjant, jisfa insolventi wara l-bidu tal-pakkett u jekk it-trasport ikun inkluż fil-pakkett, ir-ripatrijazzjoni tal-vjaġġaturi hija żgurata. XY għandha fis-seħħ protezzjoni mill-insolvenza ma' YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza, eż. fond ta' garanzija jew kumpannija tal-assigurazzjoni]. Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma' din l-entità jew, fejn applikabbli lill-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt

Taqsima Ċ

Formola ta' informazzjoni standard fil-każ li l-organizzatur jittrasmetti *data* lil kummerċjant ieħor (paragrafu (b)(v) tat-tifsira "pakkett" – regolament 2)

Jekk tikkonkludi kuntratt ma' kumpannija AB mhux iktar tard minn 24 siegħa wara li tirċievi il-konferma tal-prenotazzjoni mingħand il-kumpannija XY, is-servizz tal-ivvjaġġar ipprovdut minn XY u AB se jkun jikkostitwixxi pakkett skont it-tifsira tar-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta) u tad-Direttiva (UE) 2015/2302.

Għaldaqstant, inti ser tibbenifika mid-drittijiet kollha tal-UE li japplikaw għall-pakketti. Il-kumpannija XY ser tkun responsabbli b'mod sħiħ għall-eżekuzzjoni xierqa tal-pakkett fl-intier kollu tiegħu.

Addizzjonalment, kif mitlub mil-liġi, il-kumpannija XY għandha

VERŻJONI ELETTRONIKA

protezzjoni fis-seħħ biex tirrimborsa l-pagamenti tiegħek u, fejn it-trasport ikun inkluż fil-pakkett, tiżgura r-ripatrijazzjoni tiegħek f'każ li tisfa insolventi.

Aktar informazzjoni dwar id-drittijiet ewlenin skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S.409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Meta jsegwi l-*hyperlink* il-vjaġġatur ser jirċievi s-segwenti informazzjoni:

Drittijiet ewlenin skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u tar-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S.409.19 tal-Liġijiet ta' Malta)

— Il-vjaġġaturi se jirċievu l-informazzjoni essenzjali kollha dwar il-pakkett qabel ma jikkonkludu l-kuntratt tal-pakkett tal-ivvjaġġar.

— Dejjem ikun hemm tal-inqas kummerċjant wieħed li jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa tas-servizzi tal-ivvjaġġar kollha inklużi fil-kuntratt.

— Il-vjaġġaturi jingħataw numru tat-telefon ta' emerġenza jew punt ta' kuntatt fejn jistgħu jagħmlu kuntatt mal-organizzatur jew l-aġent tal-ivvjaġġar.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jittrasferixxu l-pakkett lil persuna oħra, billi ssir notifika fi żmien raġonevoli u possibbilment ikunu soġġetti għal miżati addizzjonali.

— Il-prezz tal-pakkett jista' jogħla biss f'każ li jogħlew prezzijiet speċifiċi (pereżempju, prezzijiet tal-*fuel*) u sakemm ikun espressament provdut fil-kuntratt, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 20 jum qabel il-bidu tal-pakkett. Jekk iż-żieda fil-prezz taqbeż it-8% tal-prezz tal-pakkett, il-vjaġġatur jista' jittermina l-kuntratt. Jekk l-organizzatur jirriżerva d-dritt ta' żieda fil-prezz, il-vjaġġatur għandu dritt għal tnaqqis fil-prezz jekk ikun hemm roħs tal-ispejjeż rilevanti.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu kwalunkwe miżati ta' terminazzjoni u jieħdu lura rifużjoni sħiħa ta' kwalunkwe pagamenti jekk xi wieħed mill-elementi essenzjali tal-pakkett, apparti l-prezz, ikun

VERŻJONI ELETTRONIKA

inbidel b'mod sinifikanti. Jekk qabel il-bidu tal-pakkett il-kummerċjant responsabbli għall-pakkett jikkanċella l-pakkett, il-vjaġġaturi huma intitolati għal rifużjoni u kumpens fejn adatt.

— Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu ebda miżati għat-terminazzjoni qabel jinbeda l-pakkett f'ċirkostanzi eċċezzjonali, pereżempju fejn ikun hemm problemi serji ta' sigurtà fid-destinazzjoni li x'aktarx jaffettwaw il-pakkett.

— Kif ukoll, il-vjaġġaturi jistgħu, fi kwalunkwe ħin qabel il-bidu tal-pakkett, jitterminaw il-kuntratt jekk iħallsu tariffa ta' terminazzjoni xierqa u ġustifikabbli.

— Jekk, wara li jinbeda l-pakkett, elementi sinifikanti tal-pakkett ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti skont il-ftehim, iridu jiġu offruti lill-vjaġġatur arranġamenti alternattivi ta' vjaġġar xierqa mingħajr ebda spiża oħra. Il-vjaġġaturi jistgħu jitterminaw il-kuntratt mingħajr ma jħallsu miżata għat-terminazzjoni, meta s-servizzi ma jiġux imwettqa kif miftiehem fil-kuntratt u dan jaffettwa sostanzjalment it-twettiq tal-pakkett u l-organizzatur jonqos milli jagħti rimedju għall-problema.

— Il-vjaġġaturi huma wkoll intitolati għal tnaqqis fil-prezz u/jew kumpens għad-danni fejn is-servizzi ta' vjaġġar ma jiġux eżegwiti jew ma jiġux eżegwiti b'mod xieraq.

— L-organizzatur għandu jipprovdi assistenza jekk il-vjaġġatur ikun f'diffikultà.

— Jekk l-organizzatur u, jew fejn applikabbli n-negozjant, jisfa insolventi, il-pagamenti jintraddu lura. Jekk l-organizzatur u, jew fejn applikabbli n-negozjant, jisfa insolventi wara l-bidu tal-pakkett u jekk it-trasport ikun inkluż fil-pakkett, ir-ripatrijazzjoni tal-vjaġġaturi hija żgurata. XY għandha fis-seħħ protezzjoni mill-insolvenza ma' YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza, eż. fond ta' garanzija jew kumpannija tal-assigurazzjoni]. Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma' din l-entità jew, fejn applikabbli lill-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA II

Taqsima A

Formola ta’ informazzjoni standard fil-każ ta’ kummerċjant li qiegħed jiffaċilita arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta *online* u dan fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu (a) tat-tifsira "arranġament tal-ivvjaġġar marbut" fir-Regolament 2, liema kummerċjant jkun trasportatur li jbiegħ biljett bir-ritorn

Jekk, wara li tagħżel u tħallas għal servizz wieħed tal-ivvjaġġar, tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar għall-vjaġġ jew għall-btala tiegħek tramite l-kumpannija tagħna/XY, int MHUX ser tibbenifika mid-drittijiet li japplikaw għall-pakketti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Għaldaqstant, il-kumpannija tagħna/XY mhijiex se tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa ta' dawk is-servizzi individwali tal-ivvjaġġar. F'każ li jkun hemm xi problemi, jekk jogħġbok agħmel kuntatt mal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Madankollu, jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi tal-ivvjaġġar addizzjonali waqt l-istess żjara fuq il-*booking website* tal-kumpannija tagħna/XY, is-servizzi tal-ivvjaġġar isiru parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut. F'dak il-każ XY għandha protezzjoni fis-seħħ, kif mitlub mil-liġi tal-UE, sabiex tirrifondi l-pagamenti li inti għamilt lil XY għal servizzi li ma jkunux twettqu minħabba l-insolvenza ta' XY u, fejn neċessarju għar-ripatrijazzjoni tiegħek. Hu importanti li tkun taf li li din ma tipprovdix rifużjoni f'każ ta' insolvenza tal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni kontra l-insolvenza (LINK)

Meta jsegwi l-*hyperlink* il-vjaġġatur ser jirċievi din is-segwenti informazzjoni:

XY għandha fis-seħħ protezzjoni kontra l-insolvenza ma' YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza, eż. *Guarantee fund* jew kumpannija tal-assigurazzjoni].

Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma’ din l-entità jew, fejn applikabbli, mal-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nota: Din il-protezzjoni kontra l-insolvenza ma tkoprix kuntratti ma' partijiet oħra għajr għal XY, liema kuntratti jistgħu jiġu xorta eżegwiti minkejja l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt

Taqsima B

Formola ta' informazzjoni standard fil-każ ta' kummerċjant li qiegħed jiffaċilitaarranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta *online* u dan fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu (a) tat-tifsira "arranġament tal-ivvjaġġar marbut" fir-regolament 2, liema kummerċjant jkun kummerċjant għajr trasportatur li jbiegħ biljett bir-ritorn

Jekk, wara li tagħżel u tħallas għal servizz wieħed tal-ivvjaġġar, tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar għall-vjaġġ jew għall-btala tiegħek tramite l-kumpannija tagħna/XY, int MHUX ser tibbenifika mid-drittijiet li japplikaw għall-pakketti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, il-kumpannija tagħna/XY mhijiex se tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa ta' dawk is-servizzi individwali tal-ivvjaġġar. F'każ li jkun hemm xi problemi, jekk jogħġbok agħmel kuntatt mal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Madankollu, jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi tal-ivvjaġġar addizzjonali waqt l-istess żjara fuq il-*booking website* tal-kumpannija tagħna/XY, is-servizzi tal-ivvjaġġar isiru parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut. F'dak il-każ XY għandha, kif mitlub mil-liġi tal-UE, protezzjoni fis-seħħ sabiex tirrifondi l-pagamenti li inti għamilt lil XY għal servizzi li ma jkunux twettqu minħabba l-insolvenza ta' XY. Hu importanti li tkun taf li li din ma tipprovdix rifużjoni f'każ ta' insolvenza tal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni kontra l-insolvenza (LINK)

Meta jsegwi l-*hyperlink* il-vjaġġatur ser jirċievi din is-segwenti informazzjoni:

XY għandha fis-seħħ protezzjoni kontra l-insolvenza ma' YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza, eż. *Guarantee fund* jew kumpannija tal-assigurazzjoni].

Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma' din l-entità jew, fejn applikabbli, mal-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

Nota: Din il-protezzjoni kontra l-insolvenza ma tkoprix kuntratti ma' partijiet oħra għajr għal XY, liema kuntratti jistgħu jiġu xorta eżegwiti minkejja l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt

Taqsima Ċ

Formola ta' informazzjoni standard fil-każ ta' arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu (a) tat-tifsira "arranġament tal-ivvjaġġar marbut" fir-regolament 2 fejn il-kuntratti jiġu konklużi fil-preżenza fiżika simultanja tal-kummerċjant (minbarra trasportatur li ibiegħ biljett bir-ritorn) u l-vjaġġatur

Jekk, wara li tagħżel u tħallas għal servizz wieħed tal-ivvjaġġar, tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar għall-vjaġġ jew għall-btala tiegħek tramite l-kumpannija tagħna/XY, int MHUX ser tibbenifika mid-drittijiet li japplikaw għall-pakketti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, il-kumpannija tagħna/XY mhijiex se tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa ta' dawk is-servizzi individwali tal-ivvjaġġar. F'każ li jkun hemm xi problemi, jekk jogħġbok agħmel kuntatt mal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Madankollu, jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi tal-ivvjaġġar addizzjonali waqt l-istess żjara lil jew meta tagħmel kuntatt mal-kumpannija tagħna/XY, is-servizzi tal-ivvjaġġar isiru parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut. F'dak il-każ XY għandha, kif mitlub mil-liġi tal-UE, protezzjoni fis-seħħ sabiex tirrifondi l-pagamenti li inti għamilt lil XY għal servizzi li ma jkunux twettqu minħabba l-insolvenza ta' XY. Hu importanti li tkun taf li li din ma tipprovdix rifużjoni f'każ ta' insolvenza tal-fornitur tas-servizz rilevanti.

XY għandha fis-seħħ protezzjoni kontra l-insolvenza ma' YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni mill-insolvenza, eż. *Guarantee fund* jew kumpannija tal-assigurazzjoni].

Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma' din l-entità jew, fejn applikabbli, mal-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

isem, l-indirizz ġeografiku, *email* u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

Nota: Din il-protezzjoni kontra l-insolvenza ma tkoprix kuntratti ma' partijiet oħra għajr għal XY, liema kuntratti jistgħu jiġu xorta eżegwiti minkejja l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt

Taqsima D

Formola ta' informazzjoni standard li għandha tingħata fil-każ li kummerċjant li jkun qed jiffaċilita arranġament tal-ivvjaġġar online fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu (b) tat-tifsira "arranġament tal-ivvjaġġar marbut" fir-regolament 2 jkun kummerċjant li jbiegħ biljett bir-ritorn

Jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar għall-vjaġġ jew għall-btala tiegħek permezz ta' din il-*link*/dawn il-*links*, inti MHUX ser tibbenefika mid-drittijiet li japplikaw għal pakketti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (LS 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, il-kumpannija tagħna/XY mhijiex se tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa ta' dawk is-servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar. F'każ li jkun hemm xi problemi, jekk jogħġbok agħmel kuntatt mal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Madankollu, jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar tramite din il-*link*/dawn il-*links* fi żmien 24 siegħa wara li tirċievi l-konferma tal-prenotazzjoni mill-kumpannija tagħna/XY, dawk is-servizzi tal-ivvjaġġar isiru parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut. F'dak il-każ XY għandha fis-seħħ, kif mitlub mil-liġi tal-UE, protezzjoni sabiex tirrifondi l-pagamenti li inti għamilt lil XY għal servizzi li ma jkunux twettqu minħabba l-insolvenza ta' XY. Hu importanti li tkun taf li din ma tipprovdix rifużjoni f'każ ta' insolvenza tal-fornitur tas-servizz rilevanti u, fejn neċessarju għar-ripatrijazzjoni tiegħek. Hu importanti li tkun taf li li din ma tipprovdix rifużjoni f'każ ta' insolvenza tal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni kontra l-insolvenza (LINK)

Meta jsegwi l-*hyperlink* il-vjaġġatur ser jirċievi din is-segwenti informazzjoni:

XY għandha fis-seħħ protezzjoni kontra l-insolvenza ma' YZ [l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

entità responsabbli mill-protezzjoni kontra l-insolvenza, eż. *Guarantee fund* jew kumpannija tal-assigurazzjoni].

Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma' din l-entità jew, fejn applikabbli, mal-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

Nota: Din il-protezzjoni kontra l-insolvenza ma tkoprix kuntratti ma' partijiet oħra għajr għal XY, liema kuntratti jistgħu jiġu xorta eżegwiti minkejja l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt

Taqsima E

Formola ta' informazzjoni standard li għandha tingħata fil-każ li kummerċjant li jkun qed jiffaċilita arranġament tal-ivvjaġġar online fi ħdan it-tifsira tal-paragrafu (b) tat-tifsira "arranġament tal-ivvjaġġar marbut" fir-regolament 2 jkun kummerċjant għajr trasportatur li jbiegħ biljett bir-ritorn

Jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar għall-vjaġġ jew għall-btala tiegħek permezz ta' din il-*link*/dawn il-*links*, inti MHUX ser tibbenefika mid-drittijiet li japplikaw għal pakketti skont id-Direttiva (UE) 2015/2302 u r-Regolamenti dwar Pakketti tal-Ivvjaġġar u Arranġamenti tal-Ivvjaġġar Marbuta (L.S. 409.19 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għaldaqstant, il-kumpannija tagħna/XY mhijiex se tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa ta' dawk is-servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar. F'każ li jkun hemm xi problemi, jekk jogħġbok agħmel kuntatt mal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Madankollu, jekk tagħmel prenotazzjoni għal servizzi addizzjonali tal-ivvjaġġar tramite din il-*link*/dawn il-*links* fi żmien 24 siegħa wara li tirċievi l-konferma tal-prenotazzjoni mill-kumpannija tagħna/XY, dawk is-servizzi tal-ivvjaġġar isiru parti minn arranġament tal-ivvjaġġar marbut. F'dak il-każ XY għandha fis-seħħ, kif mitlub mil-liġi tal-UE, protezzjoni sabiex tirrifondi l-pagamenti li inti għamilt lil XY għal servizzi li ma jkunux twettqu minħabba l-insolvenza ta' XY. Hu importanti li tkun taf li li din ma tipprovdix rifużjoni f'każ ta' insolvenza tal-fornitur tas-servizz rilevanti.

Aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni kontra l-insolvenza (LINK)

Meta jsegwi l-*hyperlink* il-vjaġġatur ser jirċievi din is-segwenti informazzjoni:

B 936

XY għandha fis-seħħ protezzjoni kontra l-insolvenza ma’ YZ [l-entità responsabbli mill-protezzjoni kontra l-insolvenza, eż. *Guarantee fund* jew kumpannija tal-assigurazzjoni].

Il-vjaġġaturi jistgħu jagħmlu kuntatt ma’ din l-entità jew, fejn applikabbli, mal-awtorità kompetenti (dettalji ta' kuntatt inkluż l-isem, l-indirizz ġeografiku, posta elettronika u n-numru tat-telefon) jekk is-servizzi jiġu miċħuda minħabba l-insolvenza ta' XY.

Nota: Din il-protezzjoni kontra l-insolvenza ma tkoprix kuntratti ma' partijiet oħra għajr għal XY, liema kuntratti jistgħu jiġu xorta eżegwiti minkejja l-insolvenza ta' XY.

justiceservices.gov.mt